# Flett taċ-ċanga mixwi bil-faqqiegħ



**Għandek bżonn: (4 persuni)**

4 fletti taċ-ċanga x 250g
100g bejken Streaky bla ġilda
200g faqqiegħ frisk
Lumija mqaddsa
Tazza nbid abjad
Sinna tewm imqatta
Mgħarfa butir
Mgħarfa żejt taż-żebbuġa
Ftit tursin frisk
Ftit bżar tal-mitħna

**Metodu:**

Dawwar il-fletti taċ-ċanga bil-bejken u ħawwar bi ftit bżar mitħun
Fi ftit żejt taż-żebbuġa ixwi l-laħam fuq kull naħa għal madwar ħames minuti
Meta il-fletti jibdew jieħdu kulur dehbi żied l-inbid u kompli sajjar skond il-gosti
F'taġen ieħor dewweb il-butir u aqli bilmod it-tewm u l-faqqiegħ
Meta l-laħam ikun sar żied il-faqqiegħ u servi minnufiħ
Żejjen bi ftit tursin u lumi

**Kontorni:**
Patata msajjra bil-qoxra, tadama mixwija u fażola ħadra jmorru tajjeb ħafna ma' din ir-riċetta